KULLEĠĠ SAN NIKOLA
L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - LIVELL PRIMARJU
Frar 2016

Il-Ħames Sena IL-MALTI Il-Ħin: Siegħa u Kwart
(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)

L-isem u l-kunjom: ______________________ Il-klassi: __________

| Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |



**Għall-istudent/a**

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**IL-FEHIM MILL-QARI**

**A. Aqra dan l-artiklu li deher f'rivista għat-tfal.**

# L-Ewwel Titjira

Fl-1878, it-titjir fl-ajru bl-użu tal-magni kien għadu biss ħolma. L-ajruplani u l-ħelikopters kienu għadhom ma ġewx ivvintati, imma Orville Wright, ta' seba' snin, u ħuh Wilbur, ta' ħdax-il sena, kellhom il-ħsieb li din il-ħolma jġibuha realta'.

Bdew jibnu u jittestjaw inġenju bil-magna li jkun jiflaħ itajjar in-nies. Fis-17 ta' Diċembru, 1903 Orville saq l-ewwel titjira. Damet biss 12-il sekonda - imma rnexxiet! F'dik il-ġurnata, darba waħda u darba l-oħra, l-aħwa għamlu erba' titjiriet, bl-aħħar waħda tlaħħaq 57 sekonda.



Dakinhar l-aħwa Wright saru l-ewwel persuni li taru permezz ta' ajruplan, itqal mill-arja, li kien kompletament taħt il-kontroll tal-pilota.

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-artiklu li qrajt.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (3 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | L-ewwel titjira saret fl-1878. | __________ |
| b. | L-ajruplan li vvintaw kellu magna biex tħaddmu. | __________ |
| ċ. | Biex ikun jista' jtir, bnew ajruplan eħfef mill-arja. | __________ |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ( √ ) fil-kaxxa tal-lemin.

(2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Meta kienu żgħar l-aħwa Wright | kienu joħolmu li jsiru sinjuri. | |
| | | ma kellhomx ħin għall-ħolm. | |
| | | kellhom xewqa li jtiru fl-ajru. | |
| b. | L-ajruplan li tajru fl-1903 | ma setgħux jikkontrollawh. | |
| | | ikkontrollah il-pilota. | |
| | | tar fid-direzzjoni tar-riħ. | |

3. Minn dak li qrajt, huwa veru li Orville Wright biss kien jaf isuq l-ajruplan? Kif taf? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Imla l-vojt b'<u>kelma</u> li toqgħod. (2 marki)

a. Wilbur Wright kien ______________ fl-eta' minn ħuh Orville.

b. Ir-______________ titjira li għamlu fis-17 ta' Diċembru damet seba' u ħamsin sekonda.

5. Tista' taħseb raġuni waħda għaliex l-aħwa Wright xtaqu jivvintaw u jibnu inġenju li jkun jista' jtir fl-ajru? (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

## B. Aqra l-istorja **Inventuri - kif tista' ssir inventur**



Invenzjoni hija xi ħaġa ġdida li xi ħadd joħloq jew jiskopri bl-użu tal-ħsieb, l-istudju u l-esperimenti. Il-karti, il-plastik, il-mediċini, il-karozzi u l-kompjuters huma kollha eżempji ta' invenzjonijiet. Ħafna drabi invenzjoni titwieled minn xi bżonn, bħal meta tinħoloq mediċina apposta biex tfejjaq xi marda, jew titfassal tip ta' vettura biex il-bniedem ikun jista' jivvjaġġa iktar malajr u iktar komdu. *(par. 1)*

Niftakru f'xi inventuri li kien hawn fid-dinja - minn żmien il-qedem sal-lum. Uħud minnhom lanqas biss għandna idea min kienu, bħal dawk li **skoprew** l-użu tar-rota jew kif tqabbad in-nar. Oħrajn saru famużi ħafna u nsibuhom fil-kotba tal-istorja. Fost dawn nistgħu nsemmu lil Galileo Galilei, li żviluppa t-teleskopju u skopra ħafna affarijiet dwar is-sistema solari tagħna; Louis Pasteur, li skopra kif tgħaddi l-ikel u x-xorb minn proċess biex tneħħilu l-mikrobi mingħajr ma tbiddillu t-togħma; Alexander Graham Bell, li vvinta t-telefon; Thomas Edison, li ħoloq il-bozza tal-elettriku u s-swiċċ tal-elettriku għall-użu ġod-djar tagħna; Wilbur u Orville Wright, li bnew u tajru  l-ewwel ajruplan u John Baird, li ttrasmetta l-ewwel stampi tat-televiżjoni. *(par. 2)*



Alexander Graham Bell



Thomas Edison

Dawn l-inventuri kollha kellhom xi ħaġa komuni bejniethom. Kollha kienu kurjużi. Kollha kienu jħobbu jitgħallmu. U kollha kellhom ideat ta' kif jistgħu jtejbu l-ħajja ta' persuni oħra. *(par. 3)*

Għandu mnejn taħseb li llum ma fadalx iżjed inventuri, jew li l-invenzjonijiet il-kbar diġa` saru kollha. Dan **mhuwiex minnu**. Bħalissa stess, inventuri madwar id-dinja qed joħolqu affarijiet ġodda, speċjalment fil-qasam tat-teknoloġija. Nistgħu nsemmu bħala eżempju ta' żmienna lil Bill Gates u l-kumpanija tiegħu tal-*Microsoft*, li ħolqu sistema li biha



Bill Gates

jaħdmu l-kompjuters, bl-isem ta' *Windows*, u **kontinwament** qed ikomplu jiżviluppawha għall-aħjar. *(par. 4)*

Min jaf, forsi anke inti tista' tivvinta xi ħaġa ġdida. Tista' tibda tipprepara minn issa billi tinteressa ruħek fix-xjenza, taqra l-kotba u tesplora x'hemm madwarek. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek waqt il-logħob. Żarma u erġa' arma xi makkinarju qadim (bil-permess tal-ġenituri) u staqsi ħafna mistoqsijiet. *(par. 5)*

Aħseb f'xi problemi li qed niffaċċjaw bħalissa fid-dinja. Inti jista' jkollok is-soluzzjoni għal xi waħda minnhom. Forsi jirnexxilek issib mezz ġdid kif noħolqu enerġija iktar nadifa, jew kif nibnu djar jew karozzi aħjar, inkella tfassal xi mod kif tfejjaq lin-nies minn xi mard. Tista' tiskopri xi metodu kif **nipproduċu** ikel iktar sustanzjuż għan-nies tad-dinja kollha, jew tivvinta xi tagħmir elettroniku li jgħinna fid-dar, fl-istudju, fuq ix-xogħol jew waqt il-logħob. Jista' jkun li ssib mod ġdid kif nikkomunikaw bejnietna jew biex nivvjaġġaw fl-ispazju aktar malajr. Xejn mhu impossibbli. L-importanti d-determinazzjoni li jkollok sabiex tasal fejn tixtieq. Nawguralek kull suċċess! *(par. 6)*



* * *

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb pulit u tajjeb. (Jingħataw 3 marki żejda għal kitba tajba.)**

1. Aqta' linja taħt it-tajba: (2 marki)

a. Illum nistgħu nixorbu l-ħalib ħieles mill-mikrobi bis-saħħa ta':

( Thomas Edison, John Baird, Louis Pasteur )

b. L-espressjoni **mhuwiex minnu** *(par. 4)* tfisser:

( mhux veru, mhux minn tiegħu, mhux ħażin)

2. Semmi żewġ invenzjonijiet ta' żmien il-qedem li ma nafux min kienu l-inventuri tagħhom. (2 marki)

___

3. Veru li Galileo Galilei skopra ħafna affarijiet dwar is-sistema solari tagħna? Xi strument uża biex ikun jista' jagħmel dan? (2 marki)

___

4. Semmi żewġ affarijiet li kellhom komuni bejniethom l-inventuri kollha. (2 marki)

a. ___

b. ___

5. Veru li llum ma fadalx iżjed inventuri? Għaliex taħseb hekk? (2 marki)

___

___

6. Spjega fi kliemek xi jfissru dawn il-kelmiet skont is-silta: (3 marki)

a. skoprew *(par. 2)* ___

b. kontinwament *(par. 4)* ___

ċ. nipproduċu *(par. 6)* ___

7. Semmi ħaġa li tista' tagħmel biex issir inventur. Kif tista' tgħinek din? (2 marki)

___

___

8. Kieku kellek xi darba tivvinta xi ħaġa, x'taħseb li tista' tkun? Għaliex? (2 marki)

___

___

## IL-KITBA

### A. IL-GRAMMATIKA U L-ORTOGRAFIJA (10 marki)

1. **Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

Walt Disney kien dejjem ħiereġ b'ideat ġodda. Ried jiftaħ park ta' divertiment ibbażat fuq il-films tiegħu, u fl-1955 fetaħ *Disneyland*. Dan sewa sbatax-il miljun dollaru biex inbena, iżda mill-ewwel kien suċċess kbir u sal-lum għadu wieħed mill-iktar postijiet ta' vaganza popolari fid-dinja.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mill-istorja sib u ikteb **verb fil-passat.** | |
| b. | Mill-istorja sib u ikteb **nom fil-femminil.** | |
| ċ. | Mill-istorja sib u ikteb **aġġettiv fil-plural.** | |
| d. | Mill-istorja sib u ikteb **verb fil-preżent.** | |

2. **Ikteb x'jgħidulhom TNEJN minn dawn:**

| | WAĦDA | TNEJN |
|---|---|---|
| ***eż.*** | **id** | ***idejn*** |
| a. | widna | |
| b. | siegħa | |



3. **Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Oħroġ **nom** mill-verb **rebaħ**. | Illum ir-___________ tal-kwiżż huwa Mark. |
| b. | Ikteb il-**komparattiv** mill-kelma **qadim**. | Ħaġar Qim huwa ___________ mill-Imdina. |
| ċ. | Oħroġ **verb fil-preżent** mill-għerq **ħ-b-b**. | Fis-sajf it-tfal ___________ jgħumu. |
| d. | Ikteb **l-oppost** tal-kelma **għażżiena**. | Ommi persuna ___________ ħafna. |

**B. IL-KITBA TA' RIKLAM** **(3 marki)**

Immaġina li rnexxielek tivvinta mera maġika u issa għandek fabbrika u trid tibda tbigħ dawn il-mirja fil-ħwienet. Ikteb riklam sabiħ li se jidher fil-gazzetti li fih tinforma l-pubbliku bil-kwalitajiet speċjali ta' din il-mera u tħajjar lin-nies biex jixtruha.



## Ċ. IL-KITBA TA' STORJA QASIRA

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**

| | |
|---|---|
|  | **1. Kelb isalva tarbija**<br><br>Jum fost l-oħrajn tarbija ssib ruħha fil-periklu u jkun kelb kuraġġuż li jirnexxilu jsalvaha.<br><br>*X'kienet is-sitwazzjoni ta' periklu? Kif spiċċat hemm it-tarbija? Min kien il-kelb? X'għamel biex salva lit-tarbija? Kif spiċċat il-ġrajja?* |

**JEW**

| | |
|---|---|
|  | **2. Qattusa tisfratta festin**<br><br>Waqt festin b' ħafna mistednin qegħdin jiddevertu, f'daqqa waħda qattusa tisfratta l-gost kollu.<br><br>*X'kienet l-okkażjoni? Min kienu l-mistednin u x'kienu qegħdin jagħmlu? Kif daħlet il-qattusa u x'għamlet biex ħarbtet kollox?* |

Ċ. 1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

(2 marki)

Storja ________ (Ikteb 1 *jew* 2)

Ċ. 2 Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt. (15-il marka)

L-istorja għandha tkun bejn 100 u 150 KELMA. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI. Ikteb sabiħ u tajjeb.

TMIEM IL-KARTA